SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

15 ta' Lulju 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport ferrovjarju – Direttiva 2012/34/KE – Żona ferrovjarja unika Ewropea – Artikolu 13(2) u (6) – Aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz u għas-servizzi relatati mal-ferroviji – Regolament (UE) 2017/2177 – Konverżjoni tal-faċilitajiet – Prerogattivi tal-korp regolatorju"

Fil-Kawża C-60/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Administratīvā apgabaltiesa (Il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja), permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Jannar 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Frar 2020, fil-proċedura

"Latvijas dzelzceļš" VAS

vs

Valsts dzelzceļa amministratriči ācija,

fil-preżenza ta':

"Baltijas Ekspresis" AS,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, M. Ilešič, E. Juhász (Relatur), C. Lycourgos u I. Jarukaitis, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal "Latvijas dzelzceļš" VAS, minn D. Driče, advokāte,

– għal Valsts dzelzceļa administrācija, minn J. Zālītis u J. Zicāns, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Litwan.

– għal “Baltijas Ekspresis” AS, minn O. Jonāns, advokāts,

– għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn L. Ozola u C. Vrignon u W. Mölls, sussegwentement minn L. Ozola u C. Vrignon bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-25 ta’ Frar 2021,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(2) u (6) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU 2012, L 343, p. 32), kif ukoll tal-Artikolu 15(5) u (6) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2177 tat-22 ta’ Novembru 2017 dwar l-aċċess għall-faċilitajiet ta’ servizz u għas-servizzi relatati mal-ferroviji (ĠU 2017, L 307, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ tilwima bejn “Latvijas Dzelzceļš” VAS u l-Valsts dzelzceļa administrācija (l-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Ferroviji, il-Latvja) (iktar ’il quddiem l-“Amministrazzjoni Ferrovjarja”) dwar id-deċiżjoni ta’ din tal-aħħar li timponi lil Latvijas Dzelzceļš, fil-kapaċità tagħha ta’ ġestjonarju tal-infrastruttura ferrovjarja pubblika fil-Latvja, li tiggarantixxi l-aċċess tal-impriża ferrovjarja “Baltijas Ekspresis” AS għall-maħżen ta’ Ventspils (il-Latvja), inkwantu “faċilità ta’ servizz”, fis-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fil-qasam tat-trasport ferrovjarju.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2012/34

3 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34, intitolat “Definizzjonijiet”, jipprovdi:

“Għall-iskopijiet ta’ din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

11) ‘faċilità ta’ servizz’ tfisser l-installazzjoni, inkluż l-art, il-bini u t-tagħmir, li ġiet maħsuba apposta, kompletament jew parzjalment, biex ikunu jistgħu jingħataw servizz wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punti (2) sa (4) tal-Anness II;

12) ‘operatur tal-faċilità ta’ servizz’ tfisser kwalunkwe entità pubblika jew privata responsabbli għall-immaniġġjar ta’ faċilità waħda jew aktar ta’ servizz jew li tagħti servizz wieħed jew aktar lill-impriżi ferrovjarji msemmija fil-punti 2 sa 4 tal-Anness II;

[…]”

4 L-Artikolu 13 tal-istess direttiva, intitolat "Kundizzjonijiet tal-aċċess għas-servizzi", jipprevedi, fil-paragrafi 2 u 6 tiegħu: "1.

"2. Operaturi ta' faċilitajiet ta' servizz għandhom ifornu b'mod nondiskriminatorju lill-impriżi ferrovjarji kollha bl-aċċess, inkluż l-aċċess għall-binarji, lill-faċilitajiet imsemmija fil-punt 2 tal-Anness II, u lis-servizzi fornuti f'dawn il-faċilitajiet.

[…]

6. Fejn faċilità tas-servizz imsemmija fil-punt 2 tal-Anness II, ma tkunx intużat għal tal-inqas sentejn konsekuttivi, u ġie espress interess minn impriżi ferrovjarji għall-aċċess għal din il-faċilità lill-operatur ta' dik il-faċilità tas-servizz abbażi ta' ħtiġijiet murija, il-proprjetarju tagħha għandu jirriklama t-tħaddim tagħha bħala wieħed li qiegħed għall-kiri bħala faċilità ta' servizz ferrovjarju, totalment jew parzjalment, sakemm l-operatur ta' dik il-faċilità ta' servizz ma jurix li proċess ta' rinnovament li jkun għaddej jipprevjeni l-użu tagħha minn kwalunkwe impriża ferrovjarja."

5 L-Artikolu 27 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Dikjarazzjoni dwar in-netwerk", jipprevedi:

"1. Il-maniġer tal-infrastruttura għandu, wara li jikkonsulta mal-partijiet interessati, jiżviluppa u jippubblika dikjarazzjoni dwar in-netwerk li għandha tkun tista' tiġi akkwistata għal ħlas ta' tariffa li ma tistax taqbeż l-ispiża tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni. Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandha tkun ippubblikata f'mill-anqas żewġ lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Il-kontenut tad-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandu jkun disponibbli mingħajr ħlas f'format elettroniku fuq il-portal tal-internet tal-maniġer tal-infrastruttura u aċċessibbli permezz ta' portal tal-internet komuni. Dak il-portal tal-internet għandu jiġi stabbilit mill-maniġers tal-infrastruttura fil-qafas tal-kooperazzjoni tagħhom skont l-Artikoli 37 u 40..

2. Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandha tistabbilixxi n-natura tal-infrastruttura disponibbli għall-impriżi ferrovjarji, u tiġbor fiha informazzjoni li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja rilevanti. Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandu jkun fiha wkoll informazzjoni li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-faċilitajiet tas-servizzi konnessi man-netwerk tal-maniġer tal-infrastruttura u għall-forniment tas-servizzi f'dawn il-faċilitajiet jew tindika sit tal-internet fejn tali informazzjoni tkun disponibbli mingħajr ħlas f'format elettroniku. Il-kontenut tad-dikjarazzjoni dwar in-netwerk huwa stipulat fl-Anness IV.

3. Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandha tinżamm aġġornata u għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

4. Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandha tiġi ppubblikata mhux inqas minn erba' xhur bil-quddiem qabel id-data ta' skadenza għal talbiet għall-kapaċità tal-infrastruttura."

6 L-Anness II tad-Direttiva 2012/34, li jinkludi l-lista tas-"[s]ervizzi li għandhom jingħataw lill-impriżi ferrovjarji (msemmija fl-Artikolu 13)", jipprevedi fil-punt 2 tiegħu:

"2. Għandu jingħata aċċess, inkluż aċċess għat-tracks, għall-faċilitajiet tas-servizzi li ġejjin, meta dawn ikunu jeżistu, u għas-servizzi fornuti f'dawn il-faċilitajiet:

a) stazzjonijiet tal-passiġġieri, il-binjiet tagħhom u faċilitajiet oħrajn; inkluż informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u post adattat għal servizzi relatati mal-biljetti;

b) terminali tal-merkanzija;

c) marshalling yards u faċilitajiet għall-formazzjoni tal-ferrovija inklużi servizzi ta' shunting;

d) sidings għall-ħażna;

e) faċilitajiet ta' manutenzjoni, bl-eċċezzjoni ta' faċilitajiet ta' manutenzjoni ddedikati għal ferroviji b'veloċità għolja jew għal tipi speċifiċi oħra ta' materjal ferrovjarju li jirrikjedi faċilitajiet speċifiċi;

f) faċilitajiet tekniċi oħrajn, inklużi faċilitajiet għat-tindif u l-ħasil;

g) faċilitajiet tal-port marittimu u tal-passaġġi tal-ilma interni li huma marbuta mal-attivitajiet ferrovjarji;

h) faċilitajiet ta' għajnuna;

i) faċilitajiet għal refuelling u l-provvista ta' karburant f'dawn il-faċilitajiet, li l-imposti għalihom fuq il-fatturi għandhom jintwerew separatament."

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2177

7 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2177 ġie adottat abbażi tal-Artikolu 13(9) tad-Direttiva 2012/34.

8 L-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dħul fis-seħħ", jipprovdi:

"Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2019.

Madankollu, l-Artikolu 2 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019."

Id-dritt Latvjan

9 Id-Dzelzceļa likums (il-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija), tal-1 ta' April 1998 (Latvijas Vēstnesis, 1998, Nru 102/105), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija"), hija intiża sabiex tittrasponi d-Direttiva 2012/34 fid-dritt Latvjan.

10 Il-punti 26 u 27 tal-Artikolu 1 tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija jiddefinixxi t-termini użati f'din il-liġi kif ġej:

"26) 'faċilità ta' servizz' tfisser l-installazzjoni (inkluż l-art, il-bini u t-tagħmir) li ġiet maħsuba apposta, kompletament jew parzjalment, biex jiġi pprovdut servizz wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fit-tieni, it-tielet jew ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 12.[1];

27) ‘operatur ta’ faċilità ta’ servizz’, tfisser kull kummerċjant jew l-unità strutturali tiegħu inkarigata mill-amministrazzjoni ta’ installazzjoni ta’ servizz waħda jew iktar jew li tipprovdi lil kumpanniji tat-trasport wieħed jew iktar mis-servizzi msemmija fit-tieni, it-tielet jew ir-raba’ subparagrafu ta’ din il-liġi;

[…]”

11 Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 12.[1] tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija jipprovdi li l-operaturi ta’ faċilitajiet ta’ servizz għandhom jipprovdu aċċess nondiskriminatorju lil kull trasportatur (inkluż l-aċċess għal mezzi) għall-faċilitajiet ta’ servizz segwenti, jekk ikun il-każ, u għas-servizzi pprovduti fl-installazzjonijiet li ġejjin:

“5) faċilitajiet ta’ manutenzjoni, ħlief faċilitajiet ta’ manutenzjoni tqal għal tipi oħra ta’ tagħmir bir-roti li jeħtieġu faċilitajiet speċifiċi;

6) faċilitajiet tekniċi oħra, inklużi faċilitajiet ta’ ħasil u tindif ta’ tagħmir ferrovjarju bir-roti”.

12 Il-paragrafu 7 tal-Artikolu 12.[1] tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija jipprovdi li, meta faċilità tas-servizz, imsemmija fit-tieni subparagrafu ta’ din il-liġi, ma tkunx intużat għal mill-inqas sentejn konsekuttivi u meta trasportatur ikun wera lill-operatur ta’ din il-faċilità l-interess tiegħu, ibbażat fuq il-bżonnijiet murija, li jkollu aċċess għaliha, il-proprjetarju għandu jagħmel pubbliku li l-operazzjoni tal-faċilità hija disponibbli għall-kiri jew għal-leasing, kompletament jew parzjalment, għall-provvista ta’ servizzi, sakemm l-operatur ta’ din il-faċilità ma jurix li ebda trasportatur ma jista’ jużaha minħabba t-trasformazzjonijiet li jkunu qegħdin iseħħu fiha.

13 Il-paragrafu 8 tal-Artikolu 12.[1] tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija jipprovdi li, jekk waħda mill-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 12.[1](2) tal-liġi ma tintużax matul mill-inqas sentejn konsekuttivi, il-proprjetarju tagħha jista’ jagħmel pubbliku li l-faċilità ta’ servizz kollha jew parti minnha ser tkun disponibbli għall-kiri jew għal-leasing jew għal trasferiment. Jekk fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni ma jirċievi l-ebda offerta, l-operatur tal-faċilità jkun awtorizzat li jagħlaqha, wara li jkun innotifika, tal-inqas tliet xhur minn qabel, lill-Amministrazzjoni Ferrovjarja u lill-Amministratur tal-Infrastruttura Ferrovjarja pubblika.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14 Sa mis-sena 2002, Latvijas Dzelzceļš kienet tikri l-bini tal-maħżen tal-lokomotivi ta’ Ventspils, li tiegħu hija proprjetarja, lil Baltijas Ekspresis.

15 Fl-20 ta’ Ġunju 2016, il-kuntratt ta’ kiri għal dan il-bini ġie mġedded sat-30 ta’ April 2028. Dan il-kuntratt kien jipprevedi li Latvijas Dzelzceļš kellha d-dritt unilaterali li xxolji jekk, għal raġuni mhux prevista, hija kienet issib ruħha fil-bżonn li tuża l-imsemmi bini għall-użu tagħha stess.

16 Skont l-imsemmi kuntratt ta’ kiri, il-bini inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien mikri bħala spazju ta’ uffiċċji u għall-finijiet ta’ attivitajiet ekonomiċi. Baltijas Ekspresis kienet twettaq attivitajiet ta’ manutenzjoni u tiswija tal-lokomotivi.

17 Fil-5 ta' Settembru 2017, peress li xtaqet tassenja dan l-istess bini għall-użu tagħha stess, f'dan il-każ sabiex taħżen il-materjal ferrovjarju tagħha użat għall-manutenzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja, Latvijas Dzelzceļš, fil-kwalità tagħha ta' amministratur tal-infrastruttura ferrovjarja pubblika, innotifikat lil Baltijas Ekspresis bix-xoljiment unilaterali tal-kuntratt ta' kiri inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

18 Fit-18 ta' Settembru 2017, Baltijas Ekspresis ressqet ilment quddiem l-Amministrazzjoni Ferrovjarja billi qieset li, fid-dawl tal-kwalità tagħha ta' trasportatur u ta' operatur ta' faċilità ta' servizz, fis-sens tal-punt 26 tal-Artikolu 1 tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija, dan ix-xoljiment kien jikkostitwixxi ksur tal-kompetizzjoni u tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni sa fejn, b'mod partikolari, kien jostakola l-funzjonament effikaċi u razzjonali kif ukoll l-aċċess għas-servizz, u talbet lil din l-amministrazzjoni sabiex ma tawtorizzax ix-xoljiment tal-imsemmi kuntratt ta' kiri.

19 Permezz tad-deċiżjoni tagħha tal-5 ta' Diċembru 2017, l-Amministrazzjoni Ferrovjarja ordnat lil Latvijas Dzelzceļš tiggarantixxi l-aċċess għall-maħżen ta' Ventspils, bħala faċilità ta' servizz, kif ukoll għas-servizzi pprovduti fiha, imsemmija fil-punti 5 u 6 tal-Artikolu 12.[1] tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija. Skont din id-deċiżjoni, ftit jimporta li, fil-bini mikri, Baltijas Ekspresis teżerċita biss attivitajiet għaliha nnifisha. L-imsemmija deċiżjoni tiddikjara li din il-kumpannija tipprovdi servizzi f'isimha stess, fis-sens tal-punt 8 tal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2177, b'tali mod li l-interruzzjoni tal-attivitajiet tal-faċilità ta' servizz ikkonċernata għandha tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jillimitaw id-dritt għall-għeluq ta' faċilità ta' servizz, li tista' sseħħ biss wara perijodu ta' sentejn wara li l-faċilità tas-servizz inkwistjoni tkun waqfet tintuża.

20 Latvijas Dzelzceļš l-ewwel ippreżentat rikors intiż għall-annullament tal-imsemmija deċiżjoni quddiem l-administratīvā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali, il-Latvja), u sussegwentement appellat miċ-ċaħda ta' dan ir-rikors quddiem l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja), il-qorti tar-rinviju f'din il-kawża.

21 Din il-qorti tqis li l-maħżen ta' Ventspils jikkostitwixxi "faċilità ta' servizz", fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34, sa fejn dan il-maħżen jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi li jippermettulu jwettaq provvista ta' servizzi. Min-naħa l-oħra, hija tqis li Baltijas Ekspresis ma twettaqx provvista ta' servizzi f'isimha stess, fis-sens tal-punt 8 tal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2177, u lanqas ma tipprovdi servizzi lil impriżi ferrovjarji oħra. Minn dan hija tiddeduċi li l-bini kkonċernat għandu jiġi kkunsidrat bħala faċilità ta' servizz mhux użata, li l-kiri jew il-konverżjoni tagħha huma rregolati mill-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2012/34 u mill-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2177.

22 Skont il-qorti tar-rinviju, Latvijas Dzelzceļš ma tistax titqies li hija l-operatur tal-faċilità ta' servizz inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn din il-kumpannija ma hijiex inkarigata li tikkomunika informazzjoni, u lanqas li tiddeċiedi dwar it-talbiet għal dak li jirrigwarda l-aċċess għall-provvista ta' servizzi pprovduti fil-maħżen ta' Ventspils.

23 Filwaqt li tammetti li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija differenti minn dik imsemmija fl-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2012/34 kif ukoll fl-Artikolu 15(5) u (6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2177, il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li l-analiżi ta' dawn id-dispożizzjonijiet twassal madankollu għall-konklużjoni li, fil-kuntest tax-xoljiment ta' kuntratt ta' kiri, l-interess tal-impriża ferrovjarja li tkompli l-kiri ta' bini għandu jipprevali fuq

l-interessi tal-proprjetarju ta' dan il-bini. Madankollu, l-imsemmija dispożizzjonijiet ma jippermettux li jiġi dedott li l-proprjetarju tal-imsemmi bini ma jistax jinnotifika lill-kerrej bix-xoljiment tal-kuntratt ta' kiri minħabba li għandu l-intenzjoni li jużah għall-użu tiegħu stess.

24 Barra minn hekk, skont il-qorti tar-rinviju, jekk l-operatur tal-faċilità ta' servizz ikkonċernat jista' jikkonvertih, ma hemmx argument konvinċenti sabiex jiġi ġġustifikat li l-proprjetarju ta' din il-faċilità lanqas ma jista' jtemm il-kuntratt ta' kiri li jirrigwarda lil din tal-aħħar sabiex jikkonvertiha, peress li ma teżisti ebda differenza rilevanti bejn dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 13(2) u (6) tad-Direttiva 2012/34 [Artikolu 15(5) u (6) tar-Regolament [ta' Implimentazzjoni] 2017/2177] jista' jiġi applikat b'tali mod li l-korp regolatorju jkun jista' jimponi fuq il-proprjetarju ta' infrastruttura li ma huwiex l-operatur tal-faċilità ta' servizz l-obbligu li jiggarantixxi l-aċċess għas-servizzi?

2) L-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2012/34 [Artikolu 15(5) u (6) tar-Regolament [ta' Implimentazzjoni] 2017/2177] għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-proprjetarju ta' bini jtemm kuntratt ta' kiri u li jikkonverti f'xi ħaġa oħra faċilità ta' servizz?

3) L-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2012/34 [Artikolu 15(5) u (6) tar-Regolament [ta' Implimentazzjoni] Nru 2017/2177] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-uniku obbligu li għandu l-korp regolatorju huwa li jivverifika jekk l-operatur tal-faċilità ta' servizz (f'dan il-każ il-proprjetarju tal-faċilità ta' servizz) effettivament iddeċidiex li jikkonvertiha f'xi ħaġa oħra?"

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

26 Skont Latvijas Dzelzceļš, il-qorti tar-rinviju kkwalifikat, b'mod żbaljat, il-maħżen ta' Ventspils bħala "faċilità ta' servizz", fis-sens tad-Direttiva 2012/34. Baltijas Ekspresis u l-Amministrazzjoni Ferrovjarja jikkunsidraw, min-naħa tagħhom, li huwa żbaljat li jiġi kkunsidrat, kif tagħmel il-qorti tar-rinviju, li din il-faċilità ma hijiex użata, fis-sens tal-Artikolu 13(6) ta' din id-direttiva.

27 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-evalwazzjoni ta' tali argumenti teħtieġ l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u hija għalhekk indissoċjabbilment marbuta mar-risposta li għandha tingħata għad-domanda preliminari. Għaldaqstant, dawn l-argumenti ma jistgħux iwasslu għall-inammissibbiltà ta' din it-talba (ara, b'analoġija, sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Iccrea Banca, C-414/18, EU:C:2019:1036, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

Fuq l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 2017/2177

29 Id-deċiżjoni tal-Amministrazzjoni Ferrovjarja inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet adottata fil-5 ta' Diċembru 2017 filwaqt li r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2177, konformement mal-Artikolu 17 tiegħu, daħal fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2017 u japplika mill-1 ta' Ġunju 2019, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 2 tiegħu li huwa applikabbli mill-1 ta' Jannar 2019.

30 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis li, minkejja li din id-deċiżjoni kienet ġiet adottata qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, l-effetti prattiċi tagħha jkomplu wara din id-data. Madankollu, peress li l-kawża prinċipali hija intiża għall-annullament tal-imsemmija deċiżjoni, għandu jiġi kkonstatat li r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2177 ma huwiex applikabbli *ratione temporis* għal din it-tilwima.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

31 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 13(2) u (6) tad-Direttiva 2012/34 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu li l-impriżi ferrovjarji kollha jingħataw aċċess nondiskriminatorju għall-faċilitajiet ta' servizz, fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, li huma msemmija fil-punt 2 tal-Anness II tagħha, jistax jiġi impost mill-korp regolatorju mhux biss fuq l-operaturi ta' faċilitajiet ta' servizz, iżda wkoll fuq il-proprjetarji ta' tali faċilitajiet li ma humiex l-operaturi tagħhom.

32 Skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2012/34, l-operaturi ta' faċilitajiet ta' servizz għandhom ifornu, b'mod nondiskriminatorju, lill-impriżi ferrovjarji kollha l-aċċess, inkluż l-aċċess għall-binarji, għall-faċilitajiet imsemmija fil-punt 2 tal-Anness II, u għas-servizzi pprovduti f'dawn il-faċilitajiet.

33 Il-kunċett ta' "operatur tal-faċilità ta' servizz" huwa ddefinit fil-punt 12 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34 bħala li jirreferi għal kwalunkwe entità pubblika jew privata responsabbli għall-immaniġġjar ta' faċilità waħda jew iktar ta' servizz jew li tagħti servizz wieħed jew iktar lill-impriżi ferrovjarji msemmija fil-punti 2 sa 4 ta' din id-direttiva. Konsegwentement, din id-definizzjoni tieħu inkunsiderazzjoni biss in-natura tal-attività ta' operatur ta' faċilità ta' servizz u ta' fornitur ta' servizzi ferrovjarji, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt jekk l-entità pubblika jew privata li topera l-faċilità ta' servizz hijiex jew le proprjetarja tagħha.

34 Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Amministrazzjoni Ferrovjarja, l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2012/34 ma jistax jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu li jiġi ggarantit aċċess nondiskriminatorju għall-faċilitajiet ta' servizz jaqa' wkoll fuq il-proprjetarju tal-faċilità kkonċernata, meta dan ma jistax jitqies li huwa l-operatur tagħha, fis-sens tal-punt 12 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva.

35 Din l-evalwazzjoni ma hijiex kontradetta mill-Artikolu 13(6) tal-imsemmija direttiva. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni timponi biss fuq il-proprjetarji ta' tali faċilitajiet l-obbligu, meta ċ-ċirkustanzi msemmija f'din id-dispożizzjoni jkunu ssodisfatti, li jħabbru pubblikament li l-operat ta' dawn il-faċilitajiet huwa disponibbli għall-kiri jew għal-leasing.

36 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 13(2) u (6) tad-Direttiva 2012/34 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu li l-impriżi ferrovjarji kollha jingħataw aċċess nondiskriminatorju għall-faċilitajiet ta' servizz, fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, li huma msemmija fil-punt 2 tal-Anness II tagħha, ma jistax jiġi impost fuq il-proprjetarji ta' tali faċilitajiet li ma humiex l-operaturi tagħhom.

Fuq it-tieni domanda

37 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2012/34 għandux jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-proprjetarju ta' bini li jospita faċilità ta' servizz, fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, li jtemm kuntratt ta' kiri ta' dan il-bini sabiex jassenja lil dan tal-aħħar għall-użu minnu stess.

38 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2012/34, "faċilità ta' servizz" tfisser, fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, il-faċilità, inkluż l-art, il-bini u t-tagħmir, li ġiet maħsuba apposta, kompletament jew parzjalment, biex ikunu jistgħu jingħataw servizz wieħed jew iktar minn dawk imsemmija fil-punti 2 sa 4 tal-Anness II tal-imsemmija direttiva.

39 Din id-definizzjoni tal-kunċett ta' "faċilità tas-servizz" hija bbażata fuq kriterju oġġettiv, jiġifieri dak tal-kapaċità teknika ta' infrastruttura li tipprovdi servizzi speċifiċi, u ma tistabbilixxix kriterju relatat mal-benefiċjarji ta' dawn is-servizzi. Tali kriterju huwa indipendenti kemm min-natura jew mill-klassifikazzjoni tat-titolu ġuridiku li bis-saħħa tiegħu tali faċilità hija operata kif ukoll mill-identità tal-benefiċjarji tal-imsemmija servizzi.

40 Għalhekk, il-fatt li hija biss l-impriża ferrovjarja li tiżgura l-operat tal-infrastruttura li tibbenefika minn dawn l-istess servizzi ma jipprekludix li jitqies li din l-infrastruttura tikkostitwixxi "faċilità ta' servizz", fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34.

41 F'dan il-każ, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-faċilità inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet attrezzata sabiex Baltijas Ekspresis tkun tista' twettaq attivitajiet ta' manutenzjoni u ta' tiswija ta' lokomotivi, li jaqgħu taħt is-servizzi msemmija fil-punti 2 sa 4 tal-imsemmi Anness II. Għaldaqstant, kif tikkonstata l-qorti tar-rinviju, il-maħżen ta' Ventspils jikkostitwixxi "faċilità ta' servizz", fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34.

42 Huma wkoll irrelevanti, għall-finijiet tad-deċiżjoni dwar jekk infrastruttura għandhiex tiġi kkunsidrata bħala "faċilità ta' servizz", minn naħa, il-kwalifika mogħtija lil din il-faċilità f'kuntratt ta' kiri u, min-naħa l-oħra, iċ-ċirkustanza li din l-infrastruttura tinsab jew ma tinsabx fid-dikjarazzjoni dwar in-network imsemmi fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34. Dan id-dokument jinkludi ċerta informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-infrastruttura mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-impriżi ferrovjarji u jippreċiża, b'mod partikolari, kif jindika l-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz marbuta man-network tal-amministratur tal-infrastruttura u l-provvista ta' servizzi f'dawn il-faċilitajiet. Madankollu, la minn din id-dispożizzjoni u lanqas mill-Anness IV ta' din id-direttiva, li jispeċifika l-kontenut tad-dikjarazzjoni dwar in-network, ma jirriżulta li l-inklużjoni ta' infrastruttura f'dan id-dokument tikkostitwixxi kundizzjoni neċessarja sabiex tali infrastruttura tiġi kklassifikata bħala "faċilità ta' servizz", fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva. Fil-fatt, għalkemm dan l-Artikolu 27 jimponi li jiġu indikati, fid-dikjarazzjoni tan-network, il-faċilitajiet ta' servizz eżistenti, ma jistax jiġi sostnut li omissjoni f'dan ir-rigward jista' jkollha l-effett li tikkontesta l-eżistenza ta' tali faċilità ta' servizz.

43 Għandu jiġi osservat li l-applikazzjoni tal-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2012/34, kif jirriżulta mill-formulazzjoni tiegħu, tippreżupponi, b'mod partikolari, li l-faċilità ta' servizz ikkonċernata ma tkunx intużat għal mill-inqas sentejn konsekuttivi.

44 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis, essenzjalment, li Baltijas Ekspresis ma tipprovdix, fil-faċilità ta' servizz inkwistjoni fil-kawża prinċipali, servizzi għall-benefiċċju ta' impriżi ferrovjarji oħra, u lanqas ma tagħti aċċess għal din il-faċilità lil tali impriżi, l-infrastruttura kkonċernata għandha titqies bħala faċilità ta' servizz li ma hijiex użata fis-sens tal-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2012/34.

45 Madankollu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, b'mod partikolari fil-punti 63 u 67 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali kunsiderazzjonijiet ma jistgħux iwasslu sabiex jitqies li faċilità ta' servizz ma tintużax, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, filwaqt li jiġu pprovduti hemmhekk servizzi lill-operatur ta' din il-faċilità.

46 Fil-fatt, għalkemm, kif tfakkar fil-punt 32 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 13(2) ta' din id-direttiva jimponi fuq l-operatur ta' faċilità ta' servizz li jiggarantixxi lill-impriżi ferrovjarji aċċess nondiskriminatorju għal din il-faċilità kif ukoll għas-servizzi pprovduti fiha, madankollu, minn dan ma jirriżultax li l-użu tal-faċilità ta' servizz jista' jiġi kkonstatat biss bil-kundizzjoni li impriżi ferrovjarji minbarra dawk li huma l-operatur tal-faċilità kkonċernata jirrikorru għaliha.

47 Tali interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għan tal-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2012/34, kif jirriżulta mill-punt 4.4 tal-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni), tas-17 ta' Settembru 2010 [COM (2010) 475 final]. Fid-dawl ta' din l-espożizzjoni tal-motivi, għandu jiġi osservat li din id-dispożizzjoni hija intiża sabiex tipprevjeni sitwazzjoni li fiha faċilità ta' servizz, filwaqt li hija tista' tissodisfa bżonnijiet ipprovati, tkompli, lil hinn minn ċertu perijodu, ma tkunx is-suġġett ta' attività. Issa, dan ma jistax ikun il-każ ta' faċilità fejn jiġu pprovduti servizzi lill-operatur tagħha.

48 Fid-dawl tal-informazzjoni ppreżentata lill-Qorti tal-Ġustizzja li minnha jirriżulta li, fil-kawża prinċipali, Baltijas Ekspresis kienet topera b'mod kontinwu, mill-2002, il-maħżen ta' Ventspils għall-bżonnijiet ferrovjarji tagħha stess, dan il-maħżen għandu jitqies li huwa faċilità ta' servizz li hija użata.

49 Minn dan isegwi li l-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2012/34, sa fejn din id-dispożizzjoni tippreżupponi li l-faċilità ta' servizz ikkonċernata ma ntużatx għal mill-inqas sentejn konsekuttivi, ma jirregolax sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

50 Minn dan jirriżulta li l-possibbiltà għall-proprjetarju tal-infrastruttura inkwistjoni fil-kawża prinċipali li jtemm, abbażi tad-dritt nazzjonali, il-kuntratt ta' kiri li jirrigwarda din l-infrastruttura u li jipproċedi għall-konverżjoni tagħha ma tistax, fi kwalunkwe każ, tiġi evalwata abbażi tal-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2012/34.

51 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2012/34 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma huwiex applikabbli għal sitwazzjoni li fiha l-proprjetarju ta' bini li jospita faċilità ta' servizz, fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, li hija użata, li għandu l-intenzjoni li jtemm kuntratt ta' kiri ta' dan il-bini sabiex jassenja lil dan tal-aħħar għall-użu minnu stess.

Fuq it-tielet domanda

52 Peress li l-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tat-tielet domanda tagħha, dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2012/34, ma hemmx lok, fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tieni domanda, li tingħata risposta għaliha.

Fuq l-ispejjeż

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 13(2) u (6) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu li l-impriżi ferrovjarji kollha jingħataw aċċess nondiskriminatorju għall-faċilitajiet ta' servizz, fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, li huma msemmija fil-punt 2 tal-Anness II tagħha, ma jistax jiġi impost fuq il-proprjetarji ta' tali faċilitajiet li ma humiex l-operaturi tagħhom.**

2) **L-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2012/34 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma huwiex applikabbli għal sitwazzjoni li fiha l-proprjetarju ta' bini li jospita faċilità ta' servizz, fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, li hija użata, li għandu l-intenzjoni li jtemm kuntratt ta' kiri ta' dan il-bini sabiex jassenja lil dan tal-aħħar għall-użu minnu stess.**

Firem